**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**
**(Spettur Roderick Zammit)**
**(Spettur Kurt Zahra)**

**Vs**

**Josef Buttigieg**

Kump. Nru: 507/2013

Illum 18 ta' Ottubru 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Josef Buttigieg ta' 33 sena bin Alfred u Georgina nee' Cassar imwieled Pieta' fit-23 ta' Frar 1980 u residenti 2 Sunrise apartments, Triq Santa Maria, Magarr detentur ta' karta tal-identita 133680M:

Akkuzat talli fix-xahar ta' Ottubru 2012 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, flimkien ma persuna/i ohra, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess diposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe';

1. F'xi data u f'xi hin bejn l-1 ta' Jannar 2013 u l-24 ta' Jannar 2013 minn gewwa residenza bl-isem 'Villa Pawlina', Triq is-Simar, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom deheb, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li hu ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin

centezmu (€2,329.37), u sar ghad-dannu ta' Joanne Robertson u/jew persuna/i ohra;

2. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokijiet u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hiija mitluba li f'kaz ta' htija titratta lil imputat Josef Buttigieg li kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja impost mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr Tonio Micallef Trigona LL.D. nhar is-7 ta' Novembru 2012 kif ukoll li kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja impost mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr M Haymoan LLD nhar l-15 ta' Marzu 2013 kif ukoll li kiser l-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja impost mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr C Zammit Stafrace LLD nhar l-4 ta' Marzu 2013.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tirrevoka il-helsien mill-arrest tal-imsemmi Josef Buttigieg u tordna l-arrest mill-gdid tal-istess imputat kif ukoll tordna li kull somma li inghatat fl-istess digrieti bhala garanzija personali u depozitu hekk kif gew imposti mill-Qrati diversement preseduti jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artiklu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli tal-ligi indikati fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-24 ta' Lulju 2013 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-imputat qieghed jigi addebitat bir-reat ta' serq aggravat bil-valur li jeccedi l-€2,329.37 kif ukoll bil-mezz liema serqa twettqet bejn l-1 ta' Jannar 2013 u l-24 ta' Jannar 2013. Inoltre' qieghed jigi addebitat bir-recediva kif ukoll bi ksur tal-kundizzjonijiet ta' tlett digrieti li permezz taghhom kien inghata l-helsien mill-arrest.

Mill-atti jirrizulta[1] li fl-24 ta' Jannar 2013 certu Joanne Robertson cemplet l-ghassa tal-Qawra fejn infurmat lill-pulizija li giet misruqa mir-residenza taghha. Hija rrapurtat li kienu nsterqulha xi crieket li l-valur taghhom kien bejn wiehed u iehor €9,000. Mir-rapport jirrizulta li hija kienet iddikjarat maghhom li l-ahhar li kienet libset dawn ic-crieket kien f'lejlet l-ahhar tas-sena fejn refghathom gewwa jewellery box taghha li tinsab gewwa kexxun fi dressing table tal-main bedroom taghha.

L-ufficjal investigattiv Chris Pullicino xehed[2] li huwa u l-Ispettur Roderick Zammit kellhom informazzjoni kunfidenzjali fejn gew infurmati li fost serq iehor Josef Buttigieg kien involute f'serqa li kienet giet irrappurtata lill-pulizija minn certu Joanne Robertson, Villa Pawlina, Triq is-Simar, San Pawl il-Bahar. Huma fittxew fuq is-sistema tal-PIRS tal-pulizija u sabu li din is-serqa kienet verament rappurtata u ghalhekk intalab mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat sabiex jigi mitkellem dwar din is-serqa u serq iehor. L-imputat kien ta l-fingerprints tieghu b'mod volontarju.

Joanne Robertson xehdet[3] li kienet hija li rrappurtat li kienet insterqet mir-residenza taghha fix-Xemxija. Hija ndunat li kienu nsterqulha 5 crieket li kienu tad-deheb abjad bid-djamanti valur ta' €10,000 u kif ukoll insterqitilha broach li ma kinitx tiswa flus. Meta marru l-pulizija fuq il-post sabu li kien hemm it-tieqa tad-dining room sgassata u kellha tieqa ohra miftuha fil-kcina. B'konsegwenza tal-isgass hija kellha tbiddel il-lock tat-tieqa billi ma riditx tinghalqilha. Din it-tieqa ma tigix ghat-triq. Dan billi hija ghandha gate, hemm drive, trid titla' t-tarag, ghandha hnejja u hemmhekk hemm it-tieqa. Hija qalet li lill-

[1] Dok CD a fol 76 tal-process
[2] Seduta tad-19 ta' Gunju 2013
[3] Seduta tas-17 ta' Settembru 2013

imputat ma tafux u qatt ma tatu permess biex jidhol f'darha. Donald John Robertson filwaqt li xehed[4] li huma nsterqu huwa qal li l- valur tal-oggetti misruqa kien madwar ghaxart elef lira Maltin.

L-espert nominat mill-Qorti, Ivan Portelli, xehed[5] li huwa nhatar biex jaghmel ezami komparattiv mad-dokumenti li rtira mill-atti. Il-lifter li gie elevat min-naha ta' barra tat-tieqa sgassata ta' Villa Pawlina gie mqabbel u identifikat mas-seba tan-nofs tal-id il-leminija ta' Josef Buttigieg.

PS830 Chris Debono xehed[6] li hekk kif dahal ir-rapport tas-serqa, mar fuq il-post u ha d-dettalji u informa lill-Ispettur Jessica Grima. L-ghada rega' mar fuq il-post ,billi meta dahlet it-telefonata kien dalam, u ccekkja t-twieqi u l-bibien kollha tal-villa. Irrizultalu li wahda mit-twieqi kienet sliding tal-aluminium, biss meta tkun imsakkra minn gewwa u taqbadha b'idejk u tgholliha u tmexxiha din kienet tinfetah. Huwa qal li ma kienx hemm htiega tal-ebda lever biex tinfetah it-tieqa. Xehed ukoll li f'tieqa minnhom kien fiha xi grif u taghfisa zghira u ghalhekk kien fiha damage.

PS644 Evan Camilleri li hejja rapport[7] fl-ewwel lok ikkonferma r-relazzjoni tieghu u xehed[8] li giet indikata tieqa li mit-terrazzib taghti ghad-dining room fuq liema tieqa innuta li kien hemm sinjali ta' llivar fuq barra tat-tieqa.

L-imputat kif kellu kull dritt li jaghmel ma xehedx f'dawn il-proceduri. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu huwa cahad li kien qatt mar fir-residenza inkwsitjoni.

Jinghad fl-ewwel lok li gie ippruvat li tali serqa kienet aggravata kemm bil-valur li jeccedi l-€2,329.37 kif ukoll bil-mezz. Nonostante li kien hemm diskrepanzi fix-xhieda tal-konjugi Robertson inkwantu ghall-valur tal-oggetti misruqa u l-valur li thallsu mill-assikurazzjoni taghhom jibqa' l-fatt li l-oggetti misruqa kienu jissuperaw l-ammont stipulat mil-ligi. Inkwantu ghall-aggravju tal-mezz huwa minnu wkoll li rrizulta li t-tieqa setghet facilment tinfetah anki minn barra

[4] Seduta tal-14 ta' Marzu 2016
[5] Seduta tas-17 ta' Settembru 2013
[6] Seduta tad-9 ta' Ottubru 2013
[7] Dok CP2 a fol 24 tal-process
[8] Seduta tad-9 ta' Ottubru 2013

izda rrizulta bla ebda dubju li kien hemm sinjali ta' llivar fuq l-istess tieqa, tant li l-parte leza kellhom ibiddlu l-lock wara l-akkadut.

Abbazi tar-rizultanzi processwali jirrizulta ghalhekk li l-uniku prova li ngabet li torbot lill-imputat mal-akkuzi odjerni hija l-impronti li giet elevata min-naha ta' barra tat-tieqa senjatament *'is-saba tan-nofs tal-id il-leminija tal-imputat Josef Buttigieg'*[9]. Din l-impronti ttiehdet *'min-naha ta' barra tat-tieqa tad-dining room sgassata'*[10]. F'dan l-istess rapport imhejji minn PS 644 Evan Camilleri gie spjegat hekk: *"Illi s-sinjura Robertson indikat lill-esponent tieqa li mit-terazzin taghti ghad-dining room li allegatament instabet miftuha. Fuq din it-tieqa gew innotati sinjali ta' illevar fuq in-naha ta' barra."* Joanne Robertson innifisha spjegat fix-xhieda taghha[11] illi t-tieqa li taghti ghad-dining room mhiex tieqa li tigi fuq in-naha ta' barra tat-triq. Dan ghaliex hija ghandha gate, hemm drive, trid titla' t-tarag, ghandha hnejja u hemmhekk hemm it-tieqa.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Romeo Bone**[12] tinstab rassenja ta' gurisprudenza dwar impronti digitali :

"Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu uniovoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova".*

*Fid-decizjoni moghtija fis-27 ta' Mejju 1999 mill-Qorti tal- Magistrati fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Victor Gatt**, il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq il-fatt li nstabu impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.*

---

[9] Relazzjoni tal-espert Ivan Portelli
[10] Dok CP2 a fol 26 tal-process
[11] Seduta tas-17 ta' Settembru 2013
[12] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fis-17 ta' Mejju 2016

*Illi fis-sentenza moghtija 30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismiijiet **Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri** gie deciz li:*

"f'dak il-kaz il-prova tal-*fingerprints* kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero' hemm kazijiet fejn il-prova tal-*fingerprints* wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza".

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz **R v. Castletan** (3 Cr App R - 74, CCA (*vide* Archbold 1997 para 14-97) gie deciz li:

*"Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification".*

F'dan l-istadju l-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Spagnol**[13]. F'din is-sentenza l-Qorti rreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Calleja**[14] fejn inghad

*"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta'prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."(Il-Pulizija vs Noel Frendo deciza 30 ta' Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)".*

Imbaghad il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kompliet hekk:

*"Illi ghalhekk wiehed jistaqsi, dina l-prova wahedha hija sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat kien involut f'dina is-serqa? Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta'l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment*

[13] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza 15 ta' Mejju 2013
[14] Deciza 7 ta' Marzu 2002 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali

*morali f'moħħ il-ġudikant lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli mir-reita' tal-imputat."*

Illi għalhekk wieħed jistaqsi jekk dina l-prova waħedha, tal-fatt li nstabu l-impronti fuq it-tieqa li ntużat sabiex issir id-dħul fid-dar in kwistjoni, hijiex sufficjenti sabiex wieħed jikkonkludi illi l-imputat kien il-malvivent involut fis-serqa. Ir-risposta f'dan il-każ hija finnegattiv. Huwa minnu li f'dan il-każ it-tieqa li fuqha ġiet elevata l-impronta diġitali li rriżultat li kienet tal-imputat mhiex tieqa li tagħti immedjatament għat-triq iżda ried jidħol mid-drive u jitla' t-tarag biex jasal għaliha din xorta waħda hija accessibbli mit-triq. M'hemmx dubju li l-imputat mess ma' din it-tieqa u ma hemmx raġuni plawsibbli għaliex l-impronta tiegħu kienet fuq din it-tieqa tenut kont li huwa mhux midħla tal-familja Robertson. Biss pero' meta jittieħdu in kunsiderazzjoni l-provi l-oħra li ngabu din il-Qorti m'għandhiex il-konvinciment morali li kien l-imputat li wettaq is-serqa. Irriżulta infatti li Joanne Robertson l-aħħar li rat il-ġojjellerija kien fl-lejliet l-aħħar tas-sena 2012. Fir-rapport tal-pulizija jirriżulta li hija ndunat li l-ġojjelli tagħha għosfru nhar l-20 ta' Jannar 2013 u rrappurtat biss fl-24 ta' Jannar 2013 meta ġie lura mis-safar. Hija qalet li sabet it-tieqa miftuħa iżda meta tgħidx meta kien dan. Fl-istess rapport tniżżel li hija ġieli qalet lil maid tagħha (li tmur tnaddaf biss darba fil-ġimgħa) biex it-tieqa li tagħti għad-dining room tiegħu ħsieb dejjem tagħlaqha għaliex ġieli sabitha miftuħa. Imbagħad hemm ix-xhieda ta' PS830 Chris Debono li xehed li t-tieqa inkwistjoni kienet facilment tinfetaħ u lanqas kien hemm bżonn ta' l-ebda llivar. Fi-dawl ta' dan kollu u fid-dawl li ma tressqet l-ebda prova oħra li torbot lill-imputat mas-serqa inkwistjoni din il-Qorti tqis li tali imputazzjoni ma ġietx sodisfacjentement ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi.

Illi għalkemm il-Qorti tista' tispekula dwar jekk l-imputat kienx involut f'dan ir-reat, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbażat fuq provi konkreti fl-atti.

Invista li l-imputazzjonijiet l-oħra huma konsegwenzjali għall-ewwel imputazzjoni l-imputat ma jistax jinstab ħati tagħhom.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u minnhom tilliberah.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**